# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1275/97mm**

**Alfred Micallef**

**vs**

**George Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-20 ta' Gunju 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' erba mija u hamsin lira (Lm450.00), bilanc ta' somma akbar dovuti mill-konvenut ghal xoghol ta' appalt minnu ezegwit fil-fond residenzjali tieghu;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-11 ta' April 1996 u tat-13 ta' Settembru 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti stante li bi ftehim milhuq bejn il-partijiet (ara dok GC1) skond klawsola 9 ta' l-istess, il-pendenza kellha tigi riferita u determinata mill-Perit Godwin Zammit;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost is-somma m'hijiex dovuta in vista ta' klawsola 7 ta' l-istess ftehim peress li x-xoghol miftiehem qatt ma gie kompletat mill-attur;

3. Illi mill-ammont mitlub iridu jitnaqqsu d-danni sofferti mill-eccipjenti peress li kien inadempjenti ma' l-obbligi kontrattwali minnu assunti.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qed iqajjem il-kwistjoni tal-kompetenza ta' din il-Qorti stante klawsola ta' arbitragg fil-ftehim milhuq bejn il-partijiet, liema ftehim qed esibit a fol 6 tal-process. Skond dan il-ftehim f'klawsola numru 9 nghad illi "fejn ma jaqblux is-sid u l-kuntrattur id-decizzjoni tal-perit inkarigat tkun accettata miz-zewg nahat". Hija abbazi ta' din il-klawsola illi l-konvenut ighid illi din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza liema kwistjoni messha marret l-ewwel quddiem arbitragg presedut mill-perit inkarigat.

Huwa pacifiku bejn il-partijiiet illi dan ma sarx.

In sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu l-konvenut ikkwota sentenza u esebixxa kopja ufficjali taghha. Il-Qorti taghmel referenza ghal din is-sentenza David Camilleri vs Gasan Insurance Agency deciza mill-Prim Awla fit-18 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti ddekadiet mill-gurisdizzjoni quddiem klawsola ta' arbitragg.

Filwaqt li l-Qorti taqbel mal-principju enuncjat, dana m'ghandhux ikun wiehed assolut izda ghandu jigi nterpretat b'mod strett peress illi l-Qorti ghandha tkun sodisfatta illi fil-prattika r-rimedju moghti lill-attur huwa wiehed efficjenti u

ragonevolment utilizzabbli, u kif ukoll li naqas li jutilizza r-rimedju minghajr raguni gustifikata. Ghalhekk quddiem klawsola bhal din, il-Qorti trid taghmel tlett konsiderazzjonijiet, u cioe' jekk dan ir-rimedju huwiex efficjenti, huwiex ragonevolment utilizzabbli u li l-parti tkun naqset illi tutilizza din il-klawzola minghajr raguni gustifikata. Meta l-Qorti tanalizza l-klawzola numru 9 fil-ftehim milhuq bejn il-partijiet issib illi filwaqt tista tkun ragonevolment utilizzabbli, mhijiex gzur efficcjenti u terga u tghid f'dan il-kaz partikolari l-attur kien gustifikat li ma jirrikorrix ghal tali rimedju.

Irrizulta mill-provi li x-xoghol illi kellu jigi esegwit mill-attur abbazi tal-ftehim esebit kellu jiddependi parti minnu, u parti minn xoghol iehor supplit minn terzi. Hawnhekk il-Qorti qieghdha tirreferi ghal planki li kellhom jigu suppliti minn Polidano Brothers. Jidher illi l-kwistjoni bejn il-partijiet qamet f'dan l-istadju, peress illi dawn il-planki ma gewx *delivered* fil-hin meta spicca x-xoghol tieghu l-attur, u ghalhekk kien hemm perjodu meta l-attur kellu jkun qieghed sakemm jitlestew dawn il-planki. Jidher illi f'dan il-perjodu l-attur qabad xoghol iehor u meta gew il-planki ma kienx pront li jitlaq dan ix-xoghol, u jkompli x-xoghol tal-konvenuti. Kien hawnhekk imbaghad illi l-konvenuti

reggha bdielhom u qabbdu lil haddiehor sabiex ikomplu x-xoghol li originament kienu kkuntrattaw mal-attur.

Il-Qorti jidhrilha illi jekk hemm xi hadd li abbanduna t-termini tal-kwalsola numru 9 tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kien proprju l-konvenut, meta unilateralment iddecieda illi jqabbad persuna ohra u li jkompli x-xoghol li suppost kellu jigi kompletat mill-attur. F'dan l-istadju l-konvenut abbanduna l-kuntratt li kien hemm bejnu u bejn l-attur, fejn allura l-attur kien liberu li jiehu l-mizuri kollha necessarji biex jipprotegi d-drittijiet tieghu. Ladarba l-fakulta moghtija lilu bil-klawzola numru 9 giet imnehhija unilateralment b'agir abuziv minn nahha tal-konvenuti, l-Qorti mghandhiex tippretendi illi l-attur jibqa' jinsisti fuq dan il-ftehim, jinvoka l-kwalsola numru 9 meta kien l-istess konvenut illi rrediga lura mill-ftehim.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghamel sew li adixxa lil din il-Qorti peress illi kwalunkwe rimedju illi setgha kellu skond il-ftehim milhuq mal-konvenut gie negat lilu mill-istess konvenut meta dan biddel it-termini ta' l-istess ftehim minghajr konsultazzjoni ma' l-attur.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed ighid illi s-somma mhijiex dovuta peress illi x-xoghol mifthiem qatt ma gie kompletat mill-attur fit-termini tal-klawsola numru 7 tal-ftehim milhuq.

Il-Qorti rat din il-klawsola illi rrefera ghaliha l-konvenut u ma tistax tabbona xejn ma' din l-eccezzjoni kif maghmula minnu. Din il-klawsola tghid biss illi s-sid jirriserva d-dritt li jnaqqas jew jimmodifika x-xoghol minn kif jidher fuq il-pjanti skond il-bzonn, sa ghoxrin fil-mija, izda ma hemm l-ebda terminu illi jimponi fuq l-attur sabiex ix-xoghol kellu jitlesta skond ma ndikat fl-istess terminu. Bhal ma diga nghad, l-attur ma kompliex ix-xoghol ghax gie mwaqqaf mill-konvenut u dan ma jistax issa jinvoka agir abusiv favur tieghu biex jehodha kontra l-attur. Bhalma jghallem id-dritt Ruman: “Nullus commodum capere potest de injuria sua propria”.

Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut abbuza meta biddel it-termini tal-ftehim u dahhal lil haddiehor biex ikompli x-xohgol illi kien beda l-attur. Skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, liema ftehim ma kien jimponi l-ebda terminu fuq hadd, l-attur kien intitolat li jkompli x-xoghol tieghu u jithallas skond ir-rati mifthiema. Kien

il-konvenut li arbitrarjament ghal ragunijiet illi jaf hu, hassar dan il-ftehim u halla x-xoghol jigi kompletat minn terzi.

L-ammont li qed jitlob l-attur huwa ghax-xoghol li effettivament ghamel u mhux ghal dak ix-xoghol illi gie esegwit minn terzi. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda fondament f'din it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u dana peress illi hawn ukoll jekk kien hemm xi nuqqas dana kien dovut lill-konvenut li arbitrarjament mar kontra t-termini ta' l-istess ftehim, u dahhal lil haddiehor, ghad insaputa tal-attur.

It-tielet eccezzjoni terreferi ghad-danni sofferti mill-konvenut minhabba l-inadempjenza ta' l-obbligi kuntrattwali assunti mill-attur. Il-Qorti jidhrilha illi apparti l-fatt illi l-konvenut ma gab l-ebda prova ta' dawn id-danni, bhalma diga nghad ma jidhrilhiex illi ghandha tippremja lill-konvenut ghal nuqqas tieghu. Veru illi kien hemm xi dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol pero' dan id-dewmien zgur li ma kienx tort ta' l-attur. Il-kwistjoni tal-planki ma kienetx kwistjoni li holoq l-attur u lanqas ma kienet responsabbilta' tieghu illi jara li dawn il-planki jkunu fil-post f'certa hin. Fil-fatt dawn il-planki damu ma gew u ghalhekk l-attur ma kienx mistenni ma jahdimx, ma jithallasx sakemm haddiehor ihossu komdu illi fil-hin tieghu igib dawn il-planki.

Il-Qorti jidhrilha illi wara certa zmien l-attur kien gustifikat illi jibda xoghol iehor u l-Qorti tifhem illi mhuwiex facli taqbad u titlaq minn idejk f'x'hin trid f'dan ix-xoghol delikat ta' kostruzzjoni, u wiehed kien jippretendi illi l-attur jibqa ghaddej bix-xoghol li jkun beda sakemm almenu dana jkun assikurat u jkun jista' jibda xoghol iehor. Dana kien kullma talab l-attur minghand il-konvenuti li pero' dehrilhom li ma kellhomx jistennew u minflok qabdu u dahlu lil haddiehor. Ghalhekk il-Qorti hawn ukoll jidhrilha illi din l-eccezzjoni tal-konvenut m'ghandhiex il-fondament fattwali taghha.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu mart il-konvenut qalet fil-kontro-ezami a fol 45 illi ghal dak li jirrigwarda l-quantum, huma ma jsibu l-ebda oggezzjoni ghat-talba ta' l-attur. Mart l-attur kompliet tghid illi meta l-Perit Zammit ghamel l-ahhar kejl huma zammew il-bilanc ta' erba mija u hamsin lira (Lm450.00) dovuti lill-attur peress illi dana ma kienx lesta x-xoghol minnu kuntrattat. Peress illi l-Qorti dahlet bizzejjed fil-kwistjoni li nqalghat bejn il-partijiet dwar min kellu jew ma kellux tort ghal nuqqas ta' esekuzzjoni kompleta tal-ftehim milhuq bejn l-istess partijiet, mhux il-kaz illi l-Qorti terga tikkonsidra din l-ahhar xhieda ta mart l-attur. Bizzejjed jinghad illi ladarba l-quantum mhuwiex ikkontestat, u ladarba rrizulta illi l-attur huwa gustifikat

illi jitlob dan l-ammont, il-Qorti mghandhiex triq ohra hlief li tilqa' t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur, tikkundanna lill-konvenut illi jhallsu s-somma ta' erba mija u hamsin lira (Lm450.00), bilanc ta' somma akbar dovuti mill-konvenut ghal xoghol ta' appalt ezegwit mill-attur fil-fond residenzjali tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg